# MINUTI

## Seduta tal-Kunsill Lokali Kalkara

**Seduta Nru. 10/2016**

Data: 28 ta' Settembru 2016

Hin: 4:30 p.m.

Post: Fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Speranza Chircop*** *– Sindku*
***Christopher Bruno*** *– Viċi Sindku*
***Maria Sultana*** *– Kunsilliera*
***Vincent Bongailas*** *- Kunsillier*
***Elaine Caruana****– Segretarju Eżekuttiv*

Skużat: ***Paul Bongailas*** *– Kunsillier ( kellu jitlaq mis-Seduta minħabba raġunijiet personali)*

Assenti: ***Michaela Noelene Zammit*** *– Ambaxxatrici*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Aġġornament.

## 1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultaijiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Awwissu 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsilliera Maria Sultana

## 2 Punti mqajma mill-Minuti

2.1 Punt 2.1 mis-Seduta 9.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat email mibgħuta mill-Ministru Joe Mizzi fir-rigward il-funtana fejn il-Ministru ta' il-kummenti tiegħu kif ukoll ma qabilx mal-Kunsill fir-rigward li titneħħa l-funtana u issuġerixxa li jkun hemm persuna teknika li tifhem fil-manutenzjoni tagħha.

Is-Sinjura Sindku issuġeriet illi anqas tajjeb illi din il-funtana tiġi irranġata b'makkinarju aktar professjonali u modern ħabba raġunijiet ta' sigurta speċjalment meta il-funtana tiġi imnaddfa.

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan is-suġġeriment u ser tkun qed terġa tintbgħat email oħra formali lill-Ministru bi spjega aħjar rigward il-bżonn ta' tranġar tal-funtana apparti wara li l-Kunsill ser ikun qed jieħu is-suġġerimenti tal-ħaddiema stess li huma responsabbli mill-manutenzjoni ta' din il-funtana stess peress li ħadd mill-ħaddiema u ħadd mill-Kunsilliera mhux tekniku f'dan ix-xogħol.

2.2 Punt 2.2 Mis-Seduta 9.16 – Is-Seg.Eżek. preżentat email mingħand il-'Lands Department' fejn dawn ta' l-aħħar ikkonfermaw illi huma ma jkollomx lista tal-postijiet vakanti fil-lokalitajiet li jaqgħu taħthom imma irid il-Kunsill japponta post lilhom u jikseb l-informazzjoni mingħandhom kif ikun meħtieġ.

2.3 Punt 3.4 mis-Seduta 9.16 – Is-Seg. Eżek. saħqet illi hemm bżonn illi l-Kunsillier responsabbli mill-Każini tal-Baned biex b'hekk jintlaħaq ftehim fuq post alternattiv għal Jum il-Kalkara ta' din is-sena minħabba li l-Kap tal-iskola trid risposta imminenti jekk din l-attivita' hux ser issir

l-iskola bħas snin preċedenti jew le minħabba raġunijiet ta' loġistika tal-kalendarju ta' l-iskola stess.

2.4 Punt 3.8 mis-Seduta 9.16 – Is-Seg. Eżek. qrat email li rċeviet għar rigward ir-rampa li hemm bżonn ma blokka tal-'Housing' fi Triq l-Għassieli fejn qed jiġi suġġerit li din ir-rampa issir mill-Kunsill.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera kif ukoll spjega tas-Seg.Eżek. rigward din l-istess rampa il-Kunsill qabel unanimament biex din il-kwistjoni tintbgħat il-'Housing' kif ukoll il-KNPD biex b'hekk jgħatu il-kummenti tagħhom ukoll minħabba illi il- problema taqa taħt il-'Housing' u mhux dirett taħt il-Kunsill.

2.5 Punt 3.14 mis-Seduta 9.16- Is-Seg. Eżek spjegat fid-dettal il-kwistjoni tal-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekutiv għal Kunsill Lokali Kalkara kif ġie mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali stess fejn hi saħqet illi is Sinjorina Gabriella Agius għandha tiġi innominata wara li l-Kunsilliera qablu illi huma ma jħossux li għandhom jinnominaw il xi ħadd għas sempliċi raġuni li ma jafux daqshekk is-Segretarji Eżekuttivi eleġibbli u joqgħodu fuq is-suġġeriment tas-Seg. Eżek. ta' dan il-Kunsill.

Is-Sur Chris Bruno ma qabilx ma din id-deċiżjoni għar raġuni illi skond hu la l-Kunsill għandu problema finanzjarja ma jarax vijabli li jitħallsu żewġ Segretarji Eżekuttivi kontemporanjament jekk jinqala xi ħaġa. Huwa ukoll isuġerixxa illi il-kummenti tiegħu jintbgħatu id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Seg. Eżek. preżentat email mingħand il-Kunsill Lokali Birgu biex tinħareġ l-ebda oġġezzjoni biex isir 'Park & Ride' fi Triq il-Missjoni Taljana għal attivita' li ser titella' minn naħa tagħhom stess nhar is-Sibt 9 t'Ottubru 2016.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jinħareġ il-permess bħas snin preċedenti.

3.2 Is-Seg. Eżek. preżentat email minn naħa ta' MSDC fejn dawn ta' l-aħħar qed jitolbu postijiet fil- lokal li l-pjan Soċjo-Edukattiv jista juża għal konvenjenza tiegħu f'xi attivitajiet / sezzjonijiet li jtella'.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandu jiġi avviċinat il-Kappillan għal użu tas-Sala Parrokkjali kif ukoll ikkonfermaw illi jista jintuża l-'IT Centre' tal-Kunsill minn dan il-grupp meta jkun eleġibbli.

3.3 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar email minn naħa ta' TM fejn qed jiġi ikkonfermat illi ġiet inkluża l-Kalkara fir-rotta tal-Ferrovija għal benefiċċju tat-turisti kif ukoll tar-residenti Kalkariżi. Din ser tkun qed tgħaddi mix-Xatt, Misraħ Arċisqof Gonzi, Triq Marina, Bajja ta' Rnella, Triq Santu Rokku kif ukoll Triq Santa Liberata.

3.4 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill illi wara is-suġġeriment li kien għadda il-Kunsill lil TM rigward in-nizla tal-Bajja ta' Rnella biex tiġi aċċessibli 'Two Way' għal nies li jridu jgħatu servizz, TM kienu qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux ser ikun qiegħed ipoġġi Gwardjan Lokali / Pulizija f'dawn l-inħawi għal dejjem bħala infurzar.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan is-suġġeriment huwa impossibli li jiġi ikkunsidrat lill-Kunsill minħabba raġunijiet finanzjarji.

3.5 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand resident fi Triq Rnella għat-twaħħil ta' 'bollards' minħabba illi qed ikun hemm żewġ karozzi partikolari dejjem ipparkjati fuq il-bankina tul il-lejl kollu fejn qed joħolqu inkonvenjenza lil kulħadd minħabba li t-Triq hija dejqa.

Il-Kunsill oġġezzjona għat-twaħħil ta' 'bollards' oħra f'din it-Triq minħabba illi din hija kwistjoni ta' infurzar minn naħa tal-Pulizija.

Il-Kunsill talab lis-Seg.Eżek. tgħamel rapport formali lil Pulizija biex jieħdu ħsieb dan l-abbuż f'din it-Triq.

3.6 Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill dwar żewġ emails li rċevejna mill-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar żewġ kwistjonijiet differenti:

1. Is-Sindku qed jistaqsi l-inħawi ta' fejn twaħħlu 'bins' ġodda minn naħa tal-Kunsill tal-Birgu jekk jaqax taħt il-konfini tal-Kalkara jew tal-Birgu wara li l-Kunsill tal-Kalkara daħallu ilment li dawn il-'bins' mhumiex qed jiġu mnaddfa.

Wara diskussjoni mill-Kunsilliera ġie deċiż illi għandha tintbgħat email lura lis-Sindku tal-Birgu b'konferma li hemm hekk huwa tal-Kalkara u biex ineħħi il-'bins' li twaħħlu minn naħa tagħhom. Dawn il-'bins' ser ikunu qegħdin jiġu mibdula b'oħrajn minn naħa tal-Kunsill Lokali Kalkara.

2. Is-Sindku tal-Birgu talab li jitnaddaf kanal fl-inħawi tax-Xewkija li taqa taħt in-naħa tal-Kalkara.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed inaddaf l-inħawi, mill aktar fiss possibli.

3.7 Il-Kunsill qabel unanimament li ma jsiru l-ebda linji sofor jew tabelli wara suġġeriment mibgħut il-Kunsill b'ittra anonima b'talba biex isiru dawn is-sinjali quddiem passaġġ li hemm fi Triq il-Missjoni Taljana.

Il-linji mhux ser isiru minħabba illi dan il- passaġġ jaqa taħt il-privat għaliex fil-passat meta inxtraw id-djar ta' dawn l-inħawi fil-kuntratt inkiteb ukoll l-inħawi ta' quddiem id-dar partikolari, b'hekk il-Kunsill mhux fid-dover li jisboħ linji sofor fi Triq privata.

3.8 Is-Seg. Eżek. ippreżentat email mingħand Grupp ta' Volontiera bl-isem 'Saces' fejn qed jitolbu permess biex jorganizzaw 'workshop' fil-Fortizza ta' Santu Rokku. Dan il 'workshop' jinkludi 'camping' minn nies preżenti għal tlett ijiem.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezjoni f'dan ir-rigward basta jinħargu il-permessi kollha meħtieġa biex wieħed juża dan is-sit partikolari.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku għarrfet il-Kunsill dwar il-preparamenti li ser ikunu qegħdin isiru biex issir il-Laqgħa Pubbblika bħal kull sena aktar tard f'Ottubru 2016. Id-data tiġi ikkomunikata lill-Kunsilliera kif ukoll ir-residenti meta tkun ikkonfermata minn naħa tas-Seg.Eżek.

4.2. Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar id-diżappunt li hi kellha rigward illi saret Konferenza Stampa fi 'Ġnien Nicole Zahra' mingħajr il-Kunsill ma gie infurmat jew mistieden.

Is-Sinjura Maria Sultana spjegat illi hi kienet hemm bħala rappreżentanta ta' l-iskola wara li  l-Kap tal-iskola ċemplitilha ġurnata qabel biex tinfurmha. Is-Sinjura Sultana spjegat ukoll illi din ma kinitx il- ftuħ uffiċjali tal-Ġnien.

4.3 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill oġġezzjoni ta’ Kunsilli oħra rigward ta’ żieda / tkabbir ta’ ‘Fish Farms’ fl-ibħra tan-naħa t’isfel ta’ Malta. Il-Kunsill qabel unanimament illi il-Kunsill tal-Kalkara avolja dan ir-rigward ma jolqotx lilna dirett għandna nissekondaw l-oġġezzjonijiet tal-Kunsilli l-oħra.

4.4 Is-Sinjura Sindku infurmat dwar attivita’ li ser tkun qed tiġi organizzata bħas snin preċedenti għal ‘Halloween’ nhar il-Hadd 30 t’Ottubru fil- bandli ta’ Misraħ Arċisqof Gonzi, b’kollaborazzjoni ma’ l-Aġenzija Appoġġ.

Is-Sindku ikkonfermat illi ser ikun hemm ukoll postijiet tal-‘Health Promotion’ u oħrajn kif ukoll ser tkun qed tiftijem mal-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp fuq xi tisjijr li jista jsir minn naħa tal-istess Każin relatat ma’ din l-attivita’.

Din l-attivita ser tkun qed titella’ filgħodu.

4.5 Is-Sindku nfurmat il-Kunsill dwar ħarġiet organizzati mis-Sotto Kumitat f’isem il-Kunsill:

Ottobru 2016 – Ħarġa Kulturali għal anzjani u il-familja.

Novembru 2016 – Ħarġa għal irġiel

4.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill li ser ikunu qegħdin jiġu mibdula dawl tal-Milied li fis-snin ta’ qabel kien jitwaħħal f’Misraħ Arċisqof Gonzi minħabba li dawn kienu antiki u ma kinux għadom jixgħelu.

Il-Kunsill issuġġerixxa illi barra ir-‘Roundabout ta’ Triq Rnella għandha ukoll tiġi imżejjna Pjazza Sagra Familja minn naħa tal-ELC.

Is-Sindku ikkonfermat li ser tkun qed tkellem il minhu responsabbli biex b’hekk wieħed ikun jista jgħamel arranġamenti ma din l-entita’ fejn hu possibli.

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kunsill Lokali Kalkara

**5a.Komunikazzjoni tal-Kunsillieri-Christopher Bruno – Vici Sindku**

5.1a Is-Sur Bruno wera id-dispjaċir tiegħu għal fatt illi ħafna mill-arbli tal-Festa li jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp għadhom barra fuq il-bankini dan wara li 'ntbgħatu korrispondenza ta' emails bejn is-Seg. Eżek. tal-Kunsill u s-Segretarju tal-istess Każin imsemmi hawn fuq.

5.2 a Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek tgħaddi suġġeriment / rapport lill kuntrattur li qed jaħdem bħalissa fi Triq il-Progress biex jinstalla xi tip ta' dawl mal-barrikati li hemm bħalissa f'dawn l-inħawi għal benefiċċju tar-residenti stess.

**5b. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri- Maria Sultana - Kunsilliera**

5.1b Is-Sinjura Maria Sultana issuġġerit biex fil futur il-Kunsill jieħu konsidirezzjoni ta' xi sinjal dekorattiv jixgħel fl-inħawi tal-Mina tal-Kalkara bħala ornament bl-isem u l-arma tal-Kalkara

5.2b Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek. tirraporta il-ħmieġ li jħallu in-nies li jkunu qegħdin in-naħa tal-Belt Valletta jistennew id-dgħajsa lejn il- Kottonera dan għaliex m'hemmx 'bins' f'dawk l-inħawi. Dan il-ħmieg jaqa kollu fil-baħar b'konsegwenza ta' tniġġis/ ħmieġ fil-baħar lejn il-Kalkara meta ir- riħ ikun jaqbel.

**5c. Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Vince Bongailas, Kunsillier**

5.1c Is-Sur Vincent Bongailas saħaq illi hemm bżonn ta' sinjali li juru li ġejja 'Zebra Crossing' fit-telgħa ta' Bighi quddiem l-inħawi imsejjħa il-bebbuxu minħabba li qegħda fid-dawra, in-nies li jgħamlu użu minn din l-istess 'Zebra Crossing' qed ikunu f'periklu meta jaqsmu minn dawn l-inħawi

**5.d Komunikazzjoni tal-Kunsilliera – Is-Sur Pawlu Bongailas, Kunsillier (dawn il-punti ġew mgħoddija permezz ta' email lis-Seg.Eżek. uffiċjalment)**

5.1d Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi hemm bżonn li jitranġaw il-'Flood Lights' ta' Misraħ Arċisqof Gonzi li ġew mixgħulin mill-Kunsill ftit tax-xhur ilu għaliex qed jitfaw id-dawl kollu fuq il-faċċata tal-Knisja.

5.2d Is-Sur Bongailas saħaq illi hemm bħonn jiġu irrapurtati id-'Double Deckers' li qed jitħallew ipparkjati fit-telgħa ta' Bighi kif ukoll fi Triq il-Missjoni Taljana.

5.3d Is-Sur Bongailas talab biex jinqata il-ħaxix ħażin li tela mal-ħajt ta' Triq Marina in-naħa tad-Flats mill-ħaddiema tal-Kunsill

5.4d Is-Sur Pawlu Bongailas talab lill-Kunsill japprova kompetizzjoni ta' fotografija biex tiġi inkluża fil-'Magazine' li ser jiġi mqassam aktar tard din is-sena f'kull residenza bi premju ta' €75 minn għand ħanut tat-teknologija lir-rebbieħ.

## 6 Approvazzjoni tal-pagamenti

6.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 10.16 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 7 Aġġornament

7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 20 ta' Ottubru 2016 fl-4:00 p.m.

**IFFIRMATA**
***Speranza Chircop***
*Sindku*

**IFFIRMATA**
***Elaine Caruana***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 26/07/2016